A.L. 106 ta' l-1988

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm40,000,000 6% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1994 (It-Tieni Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali ('Stock' u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm40,000,000 6% 'Stock' Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1994 (It-Tieni Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. L-i*stock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' *stock* jiftħu it-Tlieta 20 ta' Diċembru, 1988 fid-9.00 a.m. u jagħlqu f'nofs in-nhar tas-27 ta' Diċembru, 1988, jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*stock* tkun ta' lm40,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fis-27 ta' Ġunju u fis-27 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock*. L-ewwel ħlas ta' Lm3.00,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-28 ta' Diċembru, 1988 u is-27 ta' Ġunju, 1989, għandu jsir fis-27 ta' Ġunju, 1989.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm500,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sentejn mit-28 ta' Diċembru, 1988.

Fidwa ta' *Stock*.

5. L-i*stock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1994 u l-31 ta' Diċembru, 1994 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ.